



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 3 ta' Diċembru 2012 (05.12)
(OR. en)**

17093/12

**FIN 981
INST 703
PE-L 115**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru prop. Cion:	15294/12 FIN 811 SOC 854 - COM(2012) 620 final 15295/12 FIN 812
Suġġett:	- Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2011/018 ES/ País Vasco Productos metálicos minn Spanja) - Proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 44/2012 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2012

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), kif tinsab fid-dokument 15294/12 FIN 811 SOC 854, flimkien mal-proposta korrispondenti għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 44/2012 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2012, kif tinsab fid-dokument 15295/12 FIN 812.

2. Il-proposta għandha l-għan li timmobilizza l-ammont ta' EUR 1 299 545 taħt il-FEG sabiex tiġi sodisfatta applikazzjoni minn Spanja biex il-Fond jintuża f'konnessjoni mas-sensji fis-settur tal-prodotti tal-metall. Tnaqqis fil-produzzjoni industrijali u tnaqqis drammatiku f'ordnijiet ġodda għall-prodotti tal-metall ħolqu tnaqqis fl-impjiegi, bħala riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

Il-fini tat-trasferiment propost huwa li jiġi ttrasferit ammont ta' EUR 1 299 545 f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-Artikolu 40 02 43 (*Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni*) għall-Artikolu 04 05 01 (*Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni*). L-appropriazzjonijiet ta' pagament meħtieġa ser isiru disponibbli permezz tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2012.

3. Fil-proċedura tat-trilogu ssimplifikata prevista fil-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, intlaħaq qbil dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG u dwar l-ammont propost mill-Kummissjoni.
4. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina ż-żewġ proposti fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Novembru 2012.
5. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex:
 - jadotta d-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG, kif hemm fid-dokument 15294/12, wara l-adozzjoni tal-baġit emendatorju Nru 6/2012;
 - japprova t-trasferiment ta' appropriazzjonijiet propost, kif hemm fid-dokument 15295/12;
 - japprova l-abbozz ta' ittra anness lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni għal dak il-għan.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill

lil : President tal-Parlament Ewropew

kopja : President tal-Kummissjoni

Sinjur,

F'konformità mal-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 u mal-Artikolu 12(5) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni¹, il-Kunsill approva d-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni FEG/2011/018 ES/Pais Vasco Productos metálicos minn Spanja) kif ippreżentata mill-Kummissjoni fid-19 ta' Ottubru 2012 (COM(2012) 620 final).

F'konformità mal-Artikolu 24(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002² kif interpretat fil-punt 20 tad-dikjarazzjoni konġunta dwar il-miżuri transizzjonali applikabbli għall-proċedura baġitarja wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, ninfurmak li l-Kunsill, min-naħa tiegħu, approva t-trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 44/2012 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2012, li jakkumpanja d-Deċiżjoni msemmija hawn fuq.

(Formola ta' għeluq).

¹ Kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009.

² Kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1081/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010.